MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 259/2014

**Compleet IS Services Limited**
**(C 23032)**

**vs**

**Eman Borg (ID 252980M( f'ismu personali u ghan-nom tas-socjeta Logic Pass Limited (C 39679)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-31 ta’ Lulju 2014 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallasuha s-somma ta’ erbat elef, mija u hamsin Euro u disgha u erbghin centezmu (€4,150.49) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' konsenji ta' oggetti ta' computer hardware, inkluz servizzi li s-socjeta attrici kkonsenjat u tat lill-konvenuti, kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Marzu 2-13 u tal-Mandat ta' Sekwestru kif deskritti fl-avviz u bl-imghax mid-data tal-konsenji sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati personalment lill-intimat Eman Borg fid 9 ta' Ottubru 2014 (tergo fol 11) u permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tat 18 ta' Novembru 2014.
Illi fis-seduta ta' l-24 ta’ Novembru 2014 l-intimat, f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta Logic Pass Limited, ammetta t-talbiet attrici (fol 18).

Rat illi l-partijiet ivverbalizzaw kif kellhom isiru l-pagamenti da' parte tal-konvenuti u awtorizzaw lill-Qorti tipprocedi ghas-sentenza abbazi ta' tali verbal.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni tal-konvenut u il-verbal li sar quddiemha issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' s-somma ta’ erbat elef, mija u hamsin Euro u disgha u erbghin centezmu (€4,150.49) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**Il-Qorti tordna illi l-ammont in intier flimkien ma' l-ispejjez jithallas permezz ta' pagament rateali ta' hames mitt Euro (500) fix-xahar, pagabbli kull disgha jum tax-xahar, li jibdew minn Jannar 2015 u jibqghu ghaddejjin sakemm il-bilanc kollu flimkien ma' l-ispejjez u l-imghax jihallas b'dan illi jekk l-intimati jonqsu pagament wiehed, il-bilanc kollu jkun dovut minnufih minghajr ebda interpellazzjoni gudizzjarja u kwalsiasi beneficcju tat-terminu jintilef.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------